KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA’ LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 35

**It-Tlieta 23 ta’ Novembru 2021**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa’ fis-Sala tal-Kunsill Lokali fil-5:30 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier (marid)
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-Kunsill waqqaf il-laqgħa temporanjament sabiex jiddiskuti mal-President il-ġdid tat-Tramuntana.

## 35.1 Qari tal-Apoloġiji

35.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 34

35.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

35.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 34 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 35.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

35.3.1 Is-Sindku informa li kien tkompla l-proċess tat-toroq fil-lokalità u jidher li issa l-affarijiet bdew jikkalmaw kif kien antiċipat. Fir-rigward tal-petizzjoni ma jidhirx li ġiet preżentata u fl-eventwalità li tiġi preżentata, il-Kunsill kien se jara x'passi jkun hemm bżonn li jittieħdu aktar 'il quddiem flimkien. Is-Sindku qal li l-aġir tal-kunsilliera magħquda f'daqqa huwa eżempju għall-kunsilli l-oħra. Huwa kompla jgħid li ma kellux dubju li aktar nies se japprezzaw iż-żona pedonali l-ġdida 'l quddiem meta tibda tindara. Huwa informa li l-uniku tħassib li hemm huwa l-fatt li uħud għadhom jinżlu miż-żona pedonali bil-mutur.

35.3.2 Is-Sindku qal li l-junction tan-naħa ta' Triq tal-Palma tejbet ukoll u jidher li issa m'għadx hemm periklu biex wieħed joħroġ għal fuq il-bypass.

35.3.3 Is-SE infurmat li skont informazzjoni li kellha, kien se jibda x-xogħol fuq il-pont ta' bejn l-Imtarfa, ir-Rabat u l-Imdina minn IM.

35.3.4 Is-Sindku informa li għalkemm diġà għaddejna l-kritika lill-entitajiet konċernati, fl-istess ħin wieħed irid ukoll japprezza u jirringrazzjahom għax-xogħlijiet li saru fil-lokalità tagħna.

35.3.5 Is-Sindku informa li l-problema tas-saqaf tal-garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa sa flaħħar se tiġi indirizzata. Huwa qal li l-ebda kunsill waħdu ma seta' jagħmlu u wara ħafna ħidma u insistenza mill-Kunsill, kien hemm qbil fejn l-HA u IM fl-aħħar qablu li se jagħmlu x-xogħol huma. Sadanittant il-Kunsill kien mitlub ikompli jkun intermedjarju bejn iż-żewġ entitajiet.

35.3.6 Is-Sindku informa li grazzi għall-ħidma wkoll min-naħa tal-Viċi Sindku, l-MTIP se jtuna €150K biex inkomplu x-xogħol tal-Visitors Centre.

35.3.7 Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lil TM biex titlob il-permess li titpoġġa tabella fi Triq San David kantuniera ma' Triq ir-Reġimenti Maltin għal *no access except for residents* jew *no access to Mtarfa Bypass.*

35.3.8 Kif informa waqt l-aħħar laqgħa u anke informalment fis-sajf, is-Sindku informa li se jkollu jirrinunzja għall-kariga ta' Sindku u bħalissa hemm għaddejja diskussjoni dwar ir-rwol tiegħu. Huwa kien se jirriżenja minn Sindku minn l-aħħar tas-sena. F'isem il-Kunsill kollu, il-Kunsillier Sammut Dimech uriet l-apprezzament ta' kulħadd għax-xogħol kollu li għamel matul is-snin u seħqet li kull wieħed u waħda minnhom jixtiequ li jibqa' bħala kunsillier ladarba ma jistax jibqa' jżomm ir-rwol tiegħu bħala sindku.

## 35.4 Talba għal estensjoni tal-proġett tat-torri u l-Visitors Centre (ERDF)

35.4.1 Is-SE talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tintbagħat talba għal estensjoni tal-proġett tat-Torri u l-*Visitors Centre* sal-aħħar ta' Ġunju 2022. Dan għaliex ix-xogħlijiet tal-M&Es, Finishes, eċċ setgħu jsiru biss minn Jannar 'il quddiem minħabba li fil-preżent wieħed irid jistenna li jgħaddi xahar minn meta ngħata l-konkos fuq is-saqaf biex dan ikollu ċ-ċans jinxef qabel isir xi xogħol ieħor fuqu.

35.4.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 35.5 *Partnership* fir-rigward tal-Proġett tat-Torri tal-Arloġġ u l-*Visitors Centre*

35.5.1 Sadanittant ġie infurmat li wara l-laqgħa li kien hemm mas-Segretarju Permanenti tal-MTIP, dawn kienu qablu li jidħlu *partners* mal-Kunsill fuq il-proġett tat-torri u l-Visitors Centre u għaldaqstant kienu lesti li jħallsu €150,000. Is-Sindku għamilha ċara li l-kunsill ma ffirmax kuntratti li ma felaħx għalihom u għaldaqsatant hekk kif ikun hemm il-qbil, il-kunsill seta' jkompli bl-għoti tal-kuntratti biex jitlesta x-xogħol. Kien hemm qbil li dawn jidħlu msieħba magħna.

35.5.2 Sadanittant is-SE infurmat ukoll li kienet tkellmet mal-uffiċċju tal-Ko-Finanzjament u dawn kienu infurmaw li setgħu jgħinu lill-Kunsill biex jakkwista aktar fondi ewropej għal dan il-proġett. Hija kienet se tagħti aktar informazzjoni aktar 'il quddiem minħabba li kienet għadha trid tivverifika eżatt kemm seta' jkun dan l-ammont.

35.5.3 Sadanittant hija ssuġġeriet li l-Kunsill ikellem lil Heritage Malta sabiex jintlaħaq ftehim magħhom għat-tmexxijia tal-Visitors Centre u l-ftuħ tat-torri tal-arloġġ. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jibda d-diskussjonijiet anke fid-dawl li din hija entità governattiva. Kien hemm qbil li 'l quddiem il-Kunsill għandu jagħmel kuntatt ma' tat-trackless train biex issa li t-train qed tgħaddi minn quddiem l-arloġġ, ikun hemm possibbiltà li wieħed jieqaf u jitla' lura ma' xi vjaġġ aktar tard.

## 35.6 Dekorazzjonijiet tal-Milied fil-lokalità

35.6.1 Is-SE infurmat li kienet tkellmet mal-kuntrattur u dan kien se jieħu ħsieb li jwaħħal fustun tul Triq San David u Triq l-Imtarfa kollha. Huwa kien se jwaħħal ukoll *fairy lights* mas-siġar fil-bandli.

35.6.2 Sadanittant infurmatu wkoll li hemm ukoll fond mir-Reġjun Tramuntana biex isiru toroq ġodda u għaldaqstant kien hemm qbil li dan ikompli bil-fustun fi Triq ir-Reġimenti Maltin, Triq it-Torri tal-Arloġġ u Triq Sir Leslie Rundle. Barra minn dan kien se jarma wkoll żewġ siġar tal-Milied ta' 9 piedi, waħda fil-pjazza u oħra quddiem l-arloġġ. Hawnhekk kien hemm qbil li m'għandhomx jintużaw id-dekorazzjonijiet l-antiki.

35.6.3 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jiġu mżejna s-siġar taż-żebbuġ fi Triq Dar il-Kaptan u jekk hi diffikultà biex nidħlu bil-mejn, insaqsu lill-istess Dar il-Kaptan għall-elettriku.

## 35.7 Laqgħa mal-President il-ġdid tar-Reġjun Tramuntana

35.7.1 Aktar kmieni kien attenda għal-laqgħa l-President il-ġdid tar-Reġjun Tramuntana, is-Sur Clifford Galea.

## 35.8 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

35.8.1 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li m'għandhiex informazzjoni x'tgħaddi għaliex il-laqgħa għadha ġejja.

## 35.9 Punti oħra

35.9.1 Il-Kunsillier Fenech staqsa jekk tistax tiġi rikostruwita t-trejqa ta' minn ħdejn id-*drop off point* ta' Ġebel Dwejra u li tagħti għall-gym tad-Depiro. Kien hemm qbil sadanittant li ssir laqg]a ma' tad-Depiro wara li kienet diġà laqgħa ta' introduzzjoni mas-SE.

35.9.2 Is-SE informa li kienu saru l-mixja tal-President u l-*clean up* hekk kif pjanati.

35.9.3 Is-SE infurmat li kien kellha numru ta' talbiet biex id-*drop off point* ta' Binja Qlejgħa ta' faċċata tal-iskola titmexxa. Hija infurmat li sadanittant kienet ġabet l-approvazzjoni tal-amministratur ta' waħda mill-binjiet biex jagħti l-elettriku kemm-il darba titpoġġa camera. Kien hemm qbil li m'hemmx lok ieħor aħjar fejn issir id-*drop off point* għal dawn ir-residenti u għalaqstant il-Kunsillier Mifsud kienet se tagħmel talba lir-Reġjun biex jgħin lil Kunsill biex tiġi installata camera biex trażżan dawn l-abbużi.

35.9.4 Is-SE fakkret li matul il-ġimgħa ta' wara l-Kunsill kien se jkun qed jilqa' grupp ta' 22 raġel u mara mill-Italja u mil-Litwanja bħala parti mill-proġett Ethno Vibes.

35.9.5 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva EPOS machine biex jieħu l-pagamenti bil-cards. Hija talbet lill-Kunsilliera biex meta tiġihom l-opportunità jwasslu lill-awtoritajiet konċernati l-fatt li l-Kunsill mhux talli ma jaqla' ebda introjtu mill-maġġorparti tal-ħlasijiet li jitħallsu fl-uffiċċju imma saħansitra jkollu jħallas bank fees għall-pagamenti bil-cards li jieħu f'isem ħaddieħor.

35.9.6 Fir-rigward tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart, is-SE infurmat li kif setgħu jaraw mill-korrispondenza li kienet għaddejja, il-kuntrattur kien għadu qed jinsisti li l-Kunsill iħallsu

extra tal-iskart li jinġabar minn madwar id-*drop off points* u l-*bring in sites*. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jieħu parir legali fuq l-interpretazzjoni tal-kuntratt.

35.9.7 Sadanittant infurmat ukoll li fl-istess kommunikazzjoni huwa kien informa li ried jgħolli r-rata biex iġedded il-kuntratt. Minħabba li l-kommunikazzjoni tad-DLG tgħid ċar u tond li dan ma setax isir, il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ sejħa għall-offerti bil-possibbiltà li jiġi estiż.

35.9.8 Is-SE infurmat li l-Kunsill daqt kien se jkollu l-vann għall-komunità tiegħu. Hija semmiet li bil-permess tal-Kunsill u kemm-il darba huwa possibbli minħabba li l-vann qed jinxtara bħala parti minn skema, kienet se tipprova tħallas il-vann fuq bażi ta' numru ta' xhur biex il-Kunsill ikun jista' jopera aħjar mil-lat finanzjarju. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

35.9.9 Sadanittant kien hemm qbil li s-SE għandha tara mad-Depiro jekk hemmx spazju biex jinkera għal dan il-*Community Van* fil-garaxx ta' taħt il-grawnd.

35.9.10 Kien hemm qbil li ssir l-ikla tal-Milied għall-istaff u l-Kunsilliera. Minħabba li s-SE insistiet li l-massimu li jista' jintefaq huwa €30 kull persuna, kien hemm qbil li jekk jinstab set menu li huwa akar għali, il-membri kollha kienu se jħallsu għad-differenza.

## 35.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

35.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 11/2021), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Viċi Sindku ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 35.9 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

35.9.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8:00pm u ġiet aġġornata għad-9 ta' Diċembru fil-5:30pm (virtwalment).

Konfermati, illum il-Ħamis 9 ta' Diċembru 2021.

| | |
|---|---|
| Dr Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |